MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tal-31 ta' Lulju, 2013

Numru 729/2010

Il-Pulizija
(Spettur Trevor Micallef)
vs
Jimmy Falzon u Andre Portelli

Il-Qorti,
Rat l-imputazzjoni kontra l-imputati ta’ karta ta’ identita’ 318678(m) u 497195(m) rispettivament, talli:
1. nhar id-9 ta’ April 2010 ghal habta tat-3.00pm u fil-granet jew fix-xhur ta’ qabel minn gewwa S.Baldacchino Ltd, Tower Garage li jinsab fi Triq Santa Margerita, San Gwann, ikkommettew serq ta’ diversi flixken ta’ ilma u xorb iehor mhux alkoholiku ghad-dannu ta’ Salvatore Baldacchino u l-kumpanija S.Baldacchino Ltd, liema serq huwa ikkwalifikat bil-mezz, valur u bil-persuna;
2. KONTRA ANDRE PORTELLI wahdu talli fid-9 ta’ April 2010 u qabel din id-data naqas li javza lill-Korporazzjoni tax-Xoghol u Tahrig bl-impieg tieghu.

Rat in-nota tal-Avukat Generali sabiex il-kawza ssir sommarjament, mhux opposta;
Semghet ix-xhieda;
Rat l-atti u d-dokumenti kollha;
Semghet it-trattazzjoni;

Ikkonsidrat:
Dan il-gudikat ser jittratta l-ewwel l-akkuza tas-serq li hija komuni ghaz-zewg imputati. Il-fatti pruvati huma li l-imputat Jimmy Falzon fiz-zmien tal-allegat reat kien impiegat mas-socjeta’ S.Baldacchino Ltd li topera minn ‘Tower Garage’ sit fi Triq Santa Margherita, San Gwann. L-imputat l-iehor ta’ eta minorenni, appena ta’ erbghatax il-sena, jigi neputih u ghalkemm ma kienx impiegat mas-socjeta’ kien gieli jakkompanja lill-zijuh anka fil-hin tax-xoghol.
Intant, xehed certu Adrian Busuttil (folio 50), xhud principali tal-prosekuzzjoni, wkoll impiegat fl-istess socjeta’ bhala ‘storekeeper’ u ‘salesman’, li spiega kif fil-gurnata ‘de quo’ ghal xit-3.30 ta’ wara nofs in-nhar kien gja sakkar l-imhazen u kien ser jirrinkaza meta irceva telefonata minghand l-imghallem li talbu jarga’ jirritorna lura u jigbor u jikkonsenja ordni li kienet appena dahlet. Kif wasal induna bil-van li kien juza l-imputat f’wiehed mill-imhazen, nofsu gewwa u nofsu barra, u kif dahal fil-mahzen innota lill-imputat Andre Portelli fil-van u l-imputat Jimmy Falzon fuq ‘fork lifter’ u zewg ‘pellets’ ilma ‘San Benedetto’ moghbbija fil-van, iehor mal-art fejnu u ‘pellet’ iehor bi prodotti ohra mghobbi fuq il-‘fork lifter’. Kompla stqarr li cavetta tal-imhazen ghandu l-imghallem u hu u hadd iehor. Il-van gie misjuq bl-lura fil-mahzen u hu waqt li ghalaq l-istess mahzen ha ic-cavetta f’idejh. Salvatore jew Saviour Baldacchino xehed (folio 41) u sostanzjalment ikkorrobora lill-impiegat tieghu Adrian Busuttil fil-waqt li qal li wara li kien cempillu l-impiegat tieghu Busuttil kien mar jivverifika ‘di persona’ u hemm, gewwa l-mahzen in kwistjoni, osserva xi ilma u prodotti ohra li kienu tnizzlu mill-ixkaffef rispettivi taghhom ghal fejn il-van u l-‘fork lifter’. Stqar li dak in-nhar kienu hfief mix-xoghol u ghalaq ghal habta tas-satghejn u nofs ta’ wara nofs in-nhar. Gharaf a folio 8 dokument li ghamel hu

dwar il-prodotti li ra kif xehed. B'kollox dawn kellhom valur ta' 753.93 euro eskluz l-ECO tax u VAT.
L-imputati ghazlu li ma jixhdux . Huma pero' separatament irrilixxjaw stqarrija fejn fil-waqt li Falzon sahansitra cahad li kien fil-mahzen u allega li kien id-dar, il-minuri iddikjara li kienu barra l-mahzen u telqu meta gie Busuttil u giet ohtu ghalih.
Madanakollu l-provi juru bil-wisq il-kontra u l-Qorti m'ghandha lanqas l-icken dubbju dwar il-veracita' tal-fatti kif xehduhom Busutill. Fir-rigward il-minuri lanqas m'ghandha dubbju li ma kienx konsapevoli ta' dak li kien qieghed isir. L-unika agevolazjoni ghalih hija semmai fil-piena applikabbli ghar-reat li ghandha titnaqqas b'grad jew tnejn.
In vena legali l-Qorti tghid li fil-kaz 'de quo' jissusisti mhux l-attenta izda r-reat tas-serq proprju. Hawnhekk ma taqbilx mas-sottomissjoni tad-difiza. Issostni din il-Qorti li dak li hu rikjest biex jimmatura dan l-element tal-'contractatio' huwa li l-agent ikun caqlaq l-oggett minn postu bl-intenzjoni li jisirqu u jaghmel gwadann, ikun x'ikun, anke ghal semplici sodisfazjon.
Relattivament l-imputat l-iehor l-Qorti gja esprimiet il-fehma taghha li kien jaf ben tajjeb x'qieghed jsir u f'kull kaz huwa ghaldaqatant hati bhala komplici. Dak li ma irrizultax huwa li kien impiegat u naqas li javza lill-Korporazzjoni tax-Xoghol u Tahrig b'dan il-presunt impieg tieghu.
Dwar l-aggravji tas-serq il-Qorti taqbel mad-difiza li m'hemmx l-aggravju tal-mezz izda jirrisultaw l-aggravju tal-valur u persuna.
Ghaldasrant tiddikjara u ssib htija fl-imputati fil-konfront ta' l-ewwel akkuza waqt li fuq it-tieni akkuza diretta kontra l-imputat Andre Portelli ma ssibux hati u tilliberah. Rat l-Artikolu 261(c)(d), 267, 268(d), 279(a),280), 31u 37 (dawn l-ahhar fil-konfront tal-minuri) tal-Kap 9. Stante li d-derbat ma sofra ebda telf stante li r-refurtiva giet irkuprata tiddecidi wara li rat l-fedina penali rispettiva taghhom li tapplika fil-konfront taghhom it-tnejn l-Artikolu 22 tal-Kap 446. Fir-rigward l-imputat Jimmy Falzon tlliberah ghal tlett snin mill-lum u fir-rigward l-imputat Andre Portelli tilliberah ghal sena mill-lum sakemm ma jaghmlux reat iehor fil-perjodi rispettivi indikati.

Il-Qorti spiegat lill-imputati r-responsabiltajiet rispettivi taghhom skond is-sentenza.

A.M.Trigona
Magistrat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------